**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Jefrin Grech**

**Seduta distrett Valletta**

**Illum 23 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jefrin Grech** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 523376 (M) billi huwa akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'Lulju tal-2006 u fil-jiem u x-xhur li jigu wara, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnek fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi haddiehor xi wieghda li jinghataw lilek jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi

self, mghaxijiet jew qliegh iehor taht liema ghamla jkun, b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

2. Kif ukoll talli fl-istess dati, lok, u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici ta' reat meta ta ordni jew struzzjonijiet sabiex isir l-istess reat u dan billi gieghel jew hajjar lil James Hatherly sabiex jidher fuq kuntratt ta' self ta' flus minfloku, u wara xehed u halef il-falz f'materja civili, u dan fil-kawza fl-ismijiet Marvin u Lorraine konjugi McKay vs James Hatherly.

Semghet fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 63), lid-difiza teccepixxi l-preskrizzjoni fejn wara talba ta' din il-Qorti d-difiza prezentat Nota ta' sottomissjonijiet, liema Nota tinsab (*a fol.* 64 *et seq*.).

**1. Illi l-esponent umilment jaghmel referenza ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, ossia dik mghotija taht l-Artikolu 298C tal-Kodici Kriminali ta' Malta li ghall-chiarezza tal-Ligi jisthoq li min jisnatb hati ta' tali reat, jehel *'il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) sa erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (34,940.60)'.***

**2. Illi ai tremini tal-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali,** ***'l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni 'bl-egħluq ta' ħames***

*snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena.'*

**3. Illi madankollu, l-esponent umilment jirrileva li huwa gie akkuzat ukoll li huwa kkommetta tali reat b'diversi atti maghmulin minnhu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ta' Malta, fejn l-istess Artikolu jistipula li** *'dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ grad.'*

**4. Illi ai tremini tal-Artikolu 31 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, il-piena inidkata fl-Artikolu 298C, ossia dik ta' tmintax-il xahar prigunerija, tizdied ghal sentejn bl-ewwel grad u ghal tliet snin bit-tieni grad.**

**5. Illi ghalhekk huwa car u manifest illi anki biz-zieda ta' zewg gradi, il-piena massima li tista' tigi nflitta fil-konfront tal-ewwel imputazzjoni hija dik ta' tliet snin prigunerija. Konsegwentement, huwa dastant car u manifest li l-preskrizzjoni tal-istess reat, flimkien maz-zieda ta' zewg gradi, tibqa' dik indikata fl-Artikolu 688(d), u ghalhekk ta' hames snin.**

**6. Illi huwa palesi mill-provi migjuba f'dawn il-proceduri, li l-allegat reat (liema reat qed jigi kkontestat bis-shih) allegatament sehh b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Gerard**

**Spiteri Maempel tal-5 ta' Lulju tas-sena 2006, bit-tieni allegat reat isir fis-sena 2007, skond dak indikat mill-Parte Civile Marvin McKay (a fol 13 tal-Process). Huwa fatt zgur li jekk sehhew dawn ir-reati, dawn sehhew qabel li l-istess parte civile intavola r-rikors mahluf tieghu numru 851/2009, fl-ismijiet Marvin u Lorraine konjugi McKay versus James Hatherly, liema kawza giet deciza mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim' Awla, fl-1 ta' April tas-sena 2011.**

**7. Illi madankollu, ai termini tal-Artikolu 692 tal-kodici Kriminali, *"Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf."* Pero' gurisprudenza kostanti dejjem irriteniet, li l-kliem *'mhux maghruf'* ghandhom jinghataw sinjifikat assolut.**

**8. Illi in materja l-esponent jaghmel riferenza ghall-principji enuncjati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Formosa vs. Zarb Cousin, deciza nhar il-11 ta' Settembru tas-sena 1992, kif ukoll ghas-sentenza aktar recenti ta' l-istess Onorabbli Qroti presjeduta mill-Imhallef Dr. William Harding fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mikiel Agius moghtija fit-3 ta' Frar, 1947[1].**

**9. Illi fl-ahhar sentenza appena citata, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irribadiet il- principju li l-kliem *"mhux maghruf"***

---

[1] Ara Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri, deciza nhar it-30 ta' ottubru tas-sena 2001, riprodotta fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Mifsud et**, Appell numru 597/2012, deciza nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2018

**kontemplati fl-Artikolu 692 (Dak iz-zmien l-Artikolu 687) ghandu jinghata sinifikat assolut fis-sens ta'** *"una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto"* **u m'huwiex bizzejjed li l-injoranza ta' l-identita' ta' l- awtur tkun biss relattiva ghall-parti leza.**

**10. Illi l-esponent jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza ricenti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Mifsud, Noel Justin sive Noel Bartolo u Maria Concetta sive Cettina Spiteri[2], fejn gie kkwotat il-Professur Sir Anthony Mamo li fin-noti tieghu fuq id-dritt penali jghid is-segwenti:**

***"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles. "The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664 [illum art.***

[2] Appell Numru 597/2012, Deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2018

*692] lays down that in respect of crimes prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender. (sottolinjar tal-Qorti)*

*"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands. "The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/412 , because as the Court observed, the rule 'contra non valentem agree non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters (cfr. Also Cr. App.*

*2 Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro deciz fis-26 ta' Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407. Police v. Agius, 3/2/47)."*

**11. Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet:** *"Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ittrattat dina l-kwistjoni legali f'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2001 f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri", liema sentenza ghamlet referenza ghal gurisprudenza aktar antika fosthom ghas-sentenzi Formosa vs Zarb Cousin (11/09/1922) u Il-Pulizija vs Mikiel Agius (03.02.1947) fejn kien gie deciz: "delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per I delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell' 11/09/22 in re Luigi Formosa vs Carmelo Zarb Cousin, cioe' che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole."*

*"Dana ghaliex il-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza tal-azzjoni u mhux l-aspett procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioe' illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta il-provi li jridu jigu prodotti quddiem il-Qorti ikunu jew intilfu jew gew offuskati minhabba it-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti."*

**12. Tkompli tghid hekk id-decizjoni:** *"IIlli .... l-Qorti ta' l-Appell irribadiet il-principju li l-kliem "mhux maghruf" kontemplati fl-Artikolu precitat (Dak iz-zmien l-Artikolu 687) ghandu jinghata sinifikat assolut fis-sens ta' "una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto" u m'huwiex bizzejjed li l-injoranza ta' l-identita' ta' l-awtur tkun biss relattiva ghall-parti leza. In konkluzzjoni fuq il-punt legali sollevat, il-Qorti tosserva li, sabiex it-terminu preskrizzjonali ma jibdiex jiddekorri, a tenur ta' l-Artikolu 692 tal-Kap 9, irid ikun hemm 'ignoranza assoluta' ta' l-awtur tad-delitt. Illi fil-kaz in dizamina, dan l- element ma jikkonfigurax."*

**13. Illi ghaldaqstant, hija l-umli fehma tal-esponent illi l-preskrizzjoni f'dan il-kaz kellha tibda tiddekorri sa minn dakinhar tal-allegat reat. Jekk sar dan ir-reat, il-parte civile kienu ben konsapevoli bih, dakinhar stess li sehh u ghalhekk huwa car u manifest li l-preskrizzjoni kellha tiddekorri minn dakinhar li sehh. L-esponent umilment izid jissottometti li anki kieku il-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri mid-data tas-senta tal-Onorabbli Qorti Civile, Prim' Awla, xorta wahda it-terminu ta' hames snin kien ittrapassa. L-ufficjal prosekutur jistqarr fix-xhieda tieghu (a fol 36 tal-process) li sabiex jinvestiga lill-esponent, nhar l-1 ta' April tas-sena 2016, huwa gab mandat minghand il-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech. Huwa ghalhekk palesi li l-esponent ma giex**

**notifikat b'dawn il-proceduri qabel din id-data u ghalhekk ma jistax ikun hemm dubju li tali akkuzi hija llum preskritta.**

U l-Prosekuzzjoni pprezentat Nota ta' Sottomissjonijiet risponsiva nhar il-21 ta' Dicembru 2018 li tinsab ((a fol. 143).

**Jirrileva ulterjorment bir-rispett li l-fatti in diżamina għandom ikunu kjarifikati b'mod aktar ampju sabiex din l-onorabboli Qorti tkun tista tasal għal deċiżjoni ġusta fuq jekk l-akkużi humiex kolpiti bi preskrizzjoni *o meno*.**

**Qiegħed jingħad dan kollu mhux għaliex id-difiża ivvintat xi fatti fl-argumentazzjoni tagħha, pero huwa fatt inkontestat (u riżultat fattwali) mis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim Awla per Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, tal-<u>1 ta' April 2011</u>, kif hekk sussegwentement konfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, presjeduta mill-Onor. Prim Imħallef Silvio Camilleri, Onor. Imħallef Tonio Mallia, u Onor. Imħallef Joseph Azzopardi, datata <u>29 ta' Mejju 2015</u>, esebita fl-atti tal-kawża, li kienet propju din id-deċiżjoni tal-Qorti li kixfet l-ingann li kienu vittmi tiegħu Marvin u Lorraine Mc Kay, kawża tal-qua imputat Grech, kif se jiġi spjegat aktar 'l isfel.**

**In breve, l-esponent umilment jirrileva li huwa minnu li McKay sfaw vittmi sfortunati tal-użura mingħand Jefrin Grech, hekk kif xehdu huma stess quddiem din l-Onorabbli Qorti u spjegaw kif seħħew il-fatti. Huwa minnu wkolli tali**

reati bdew iseħħu fl-2006, u ġew ikkunsmati fi ftit xhur għaliex huma dejjem ħallsu r-rati għolja li l-aguzzin tagħhom (Grech) talab minnhom. Mix-xhieda tagħhom joħroġ li l-ewwel issellfu LM 10,000 u raddew lura LM 20,000 b'rata ta' LM 500 fil-gimgħa! Wara ftit, minħabba problemi oħra ta' użura reġgħu irrikorrew għand l-imputat għat-tieni darba sabiex isellifhom xi flus oħra biex jeħilsu minn theddid ta' użura minn terzi. Dan silifhom LM7,500 u pretenda lura LM 20,000. Meta il-konjugi Mc Kay waslu ħallsu LM 12,000, skond ma xehdu huma stess, dawn tkellmu ma' Grech u stqarru li ma kienux jifilħu jħallsu iżjed u għalhekk kienu ser jagħmlu rapport lill-pulizija fuq użura.

Fi kliem il-konjugi McKay stess, Jefrin Grech kien qalilhom li ma riedx aktar flus mingħandom għaliex fi kliemu stess "kien qala biżżejjed flus magħhom!". Kien għalhekk li Mc Kay irrappurtaw lill-bqija tal-użuraj l-oħra, u lil Jefrin Grech ma nkludewhx fir-rapport. (ara sentenza Il-Pulizija-Spettur Yvonne Farrugia vs Mario Gauci et, tat-23 ta' Mejju 2016, per Maġistrat Dott Doreen Clarke LLD annessa). Huwa proprju hawnhekk fejn jirravviża l-ingann ta' Grech, fejn wara li l-konjugi McKay qatgħuh mix-xena u rrapurtaw lil ħaddiehor, Grech inkariga lil ħatnu James Hatherly, sabiex jidher minfloku fuq skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu sabiex Grech jassikura l-qliegħ illeċitu tiegħu, biex finalment dan jintenta kawża kontra l-konjugi McKay u jeħdilhom id-dar matrimonjali tagħhom bi skuża li ma kienux waslu fil-pagamenti kif miftiehem.

Tant iż-żewġ Qrati emmnu l-verżjoni dejjem kostanti tal-konjugi McKay li laqgħu it-talbiet tagħhom kollha, iddikjaraw li huma kienu sfaw vittmi ta' użura u kienu ħallsu imgħax ferm ogħla minn dak li tippermetti l-liġi. Filfatt il-Qorti Ċivili Prim Awla ordnat il-kanċellament tal-iskritturi u ipoteki fir-rigward tad-dar matrimonjali tal-konjugi Mc Kay u fl-aħħar tliet linji tas-sentenza, ordnat "li hekk kif is-sentenza ssir finali, tintbagħat kopja lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kummissarju tat-taxxi Interni sabiex dawn, wara li jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom, jimxu kif tgħid u trid il-liġi". (sottolinear u enfażi tal-esponent - sentenza esebita fl-atti). Dan kollu seħħ, meta wara li ġie interpost appell minn James Hatherly (li kif spjega hu, anke quddiem din l-istess Onorabbli Qorti, dejjem sar fuq talba ta' Jefrin Grech), il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjonijiet kollha tal-ewwel Qorti, u bagħtet is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiġu nvestigati r-reati naxxenti minn dak li kien ħareġ tul il-kawża u l-Appell.

F'nota datata 15 ta' Ġunju 2015, id-deputat reġistratur tal-Qorti tal-Appell bagħtet kopji tas-sentenzi lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għaddew immedjatament għand l-esponent li beda l-investigazzjoni tiegħu, ressaq lil James Hatherly u akkużaħ li kien xjentemnt xehed il-falz f'materja Ċivili, senjatament fil-kawża fl-ismijiet Marvin u Lorraine konjugi McKay vs James Hatherly. Fl-4 ta' Jannar 2018, Hatherly instab ħati ta' dan ir-reat u ġie kkundannt għall-piena ta' sentejn prigunerija sospiżi għal tliet snin kif ukoll għall-

interdizzjoni ġenerali perpetwa skond artikolu 109 ta' Kap 9 minn din l-istess Qorti kif preseduta. Sussegwentement setgħu jinbdew il-proċeduri kontra l-qua imputat għar-resposabbilitajiet tiegħu f'dak imsemmi hawn fuq, kif kienet talbet il-Qorti Ċivili u kkonfermat il-Qorti tal-Appell.

Huwa għalhekk li l-esponent umilment jisħaq li l-perjodu ta' preskrizzjoni għaż-żewġ reati addebitati lil Grech għandu jibda jiddekorri mid-29 ta' Ġunju 2015, data ta' meta s-sentenza ta' Mc Kay vs Hatherly ġiet definittivament deċiża, u l-Kummissarju ġie ordnat jinvestiga kemm l-użura kif ukoll ix-xhieda falza taż-żewġ partijiet, għar-raġunijiet li ser jiġu preżentati aktar 'l isfel. U dan qiegħed jingħata aktar valur fid-dawl tal-gurisprudenza li semmiet id-difiża stess fejn indikat senjatament :

*"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that ……….<u>it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself</u> and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands." (sottolinear tal-esponent)*

Hawnhekk il-prosekuzzjoni ttenni bir-rispett li jissussisti propju dak l-ingann u malizzja li l-liġi ssemmi bħala eċċezzjoni sabiex ma tibdiex tiddekorri l-preskrizzjoni,

mwettaq mill-imputat Grech fil-konfront tal-vittmi konjugi Mc Kay. Dan għaliex ir-reat ta' użura u ta' xhieda falza f'materja ċivili ma setax ikun konxju fil-moħħ tal-konjugi Mc Kay, għaliex filwaqt li fi kliemu Grech qalilhom li ma kienx ser jitlobhom aktar flus u mhux ser jieħu ebda azzjoni oħra, minn wara daharom ħalla ż-żmien jgħaddi u fetaħ kawża permezz ta' Hatherly, illum deċiża definittivament b'sejbien ta' ħtija, sabiex ikompli jieħu b'użura l-pussess tad-dar matrimonjali tagħhom. Għaldaqstant il-Qorti, fl-umli fehma tal-prosekuzzjoni, għandha każ perfett quddiemha li jammonta għal eżempju ċar ta' dak li trid il-liġi fil-każistika ċitata propju fin-nota ta' sottomisjonijiet tad-difiża, u għalhekk iżżomm ferma mal-pożijzzjoni tagħha u tisħaq li l-preskrizzjoni fil-konfront tal-ewwel akkuza ta' użura m'għandiex tibda tiddekorri qabel id-data tad-29 ta' Mejju 2015. Hawnhekk jiġi ribadit ukoll li l-użura baqgħet tissussisti sad-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell, tal-2015, għaliex il-fatt li Grech, tramite Hatherly, baqa jipprova jkabbar il-gwadann tal-użura billi jieħu anke d-dar matrimonjali  tal-Mc Kay bħala l-frott tas-self illeċitu li kien tahom qabel. Fid-dawl ta' dan huwa relativament aktar sempliċi sabiex il-Qorti tistabilixxi minn meta għandu jibda jiddekorri t-terminu tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-ewwel akkuża tal-użura.

Illum jirriżulta ċar li l-imġieba ta' Grech kienet intenzjonata sabiex jaħbi l-aġir kriminali tiegħu, u għalhekk il-konjugi Mc Kay isofru telf patrimonjali ħafna akbar meta jitilfu d-dar

matrimonjali, ad insaputa tagħhom. Dan ir-reat ma jistax jiġi meħud bħala reat iżolat, iżda bħala tkomplija naturali tar-reat ta' użura da parti ta' Grech fil-konfront ta' Mc Kay, fl-istess waqt li kien qed iserrħilhom rashom li ma kienx ser jitlobhom aktar ħlasijiet. Li kieku ma ħa l-ebda azzjoni oħra u ma ppruvax ikompli r-reat tiegħu fil-konfront tal-McKay, il-prosekuzzjoni kienet forsi taqbel mad-difiża meta tgħid li d-data tal-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri minn meta tħallsu l-flus, pero meta il-Qorti għandha quddiemha tkomplija moħbija u malizzjuża tal-imġieba kriminali min-naħa ta' Grech, il-prosekuzzjoni bir-rispett ittenni li d-data tal-preskrizzjoni għandha tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell. Sakemm ġiet deċiża din il-kawża u nfetħet l-investigazzjoni mill-Pulizija, l-awtur tar-reat kriminali kien għadu jidher Hatherly, u kien meta rriżulta li dan kien fuq ordni ta' Grech li l-Pulizija setgħet tmexxi fil-konfront tiegħu, kif ikkonkludiet il-Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imħallef Michael Mallia, fil-kawża Il-Pulizia vs George Azzopardi, fejn qalet:

*"Dak iż-żmien għal dak li jirrgwarda dan ir-reat ta' theddid fil-konfront ta' Dr. Joseph Zammit McKeon, min kien qiegħed jagħmel dan it-theddid ma kienx magħruf mill-pulizija. Kwindi l-pulizija ma setgħu qatt jibdew ikellmuh dwar dan il-każ u la l-persuna ma kinitx magħrufa kwindi l-preskrizzjoni ma bdietx tiddekorri. Veru li l-pulizija kienu diga jafu illi fuq id-dokumenti kien hemm impronti digitali kif jidher fir-rapport esebit a fol 13 u 14 ….Pero min kien it-titular ta' dawk l-*

*impronti diġitali ma kienx magħruf u l-ewwel darba li kien hemm ħjiel ta' dan kien permezz tal-istqarrija…"*

**Hawnhekk il-prosekuzjoni ssib similitudni kbira mal-każ odjern, biex ma tgħidx każ kważi identiku, għaliex fil-każ ta' Grech, kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kixfet l-aġir kriminali moħbi ta' Grech, filwaqt li temmitu wkoll fl-istess ħin.**

**Similment, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imħallef Joseph Galea Debono LLD, datata 12 ta' Lulju 2007, fl-ismijiet il-Pulizija vs Darrel Bruno, il-Qorti argumentat hekk:**

*"Illi apparti dan jekk ir-reat il-Pulizija setgħet issr taf bih biss fit-12 ta' Diċembru 2006, il-perijodu tal-preskrizzjoni kien jibda jiddekorri min dak inhar."*

**Allura, bl-istess linja argumentattiva, fil-kaz in dizamina il-Pulizija setgħet biss issir taf b'dawn ir-reati li bihom huwa akkużat Grech biss meta l-Qorti tal-Appell rreferiet il-kaz għall-attenzjoni u nvestigazzjoni tagħha, u dan seħħ fil-15 ta' Ġunju 2015, fatt mhux kontestat.**

**Ikkunsidrat.**

Illi din is-sentenza ser titratta biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali sollevata mid-difiza. Illi l-Qorti tibda billi tinnota li l-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza ta' l-azzjoni u mhux l-aspett

procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioé illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta l-provi li jridu jigu prodotti quddiem il-Qorti jkunu jew intilfu jew gew, per ezempju, offuskati minhabba t-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti.

Illi Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni – […] (d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena"*

Illi Artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lillpersuna akkużata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża".*

***Il-***Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lorenzo sive Lorry Cuschieri** moghtija fit-30 ta' Ottubru 2001. Din il-Qorti sejra terga' tirreferi ghal dak li jghid il-Professur Mamo[3] u li kien ikkwotat fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Mifsud et**, Appell numru

[3] Notes on Criminal Procedure, p. 33 – 34.

597/2012, deciza nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2018 imsemmija aktar 'l fuq:

**"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.**

**"The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664** [illum art. 692] **lays down that in respect of crimes ... prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender....**

**"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands.**

**"The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/41[4], because as the Court observed, the rule *'contra non valentem agree non currit praescriptio'* admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters (cfr. Also Cr. App. Police v. Agius, 3/2/47)."** (sottolinear f'dan il-bran ta' din il-Qorti)

---

[4] Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet **Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro** deciz fis-26 ta' Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Mifsud, Noel Justin sive Noel Bartolo u Maria Concetta sive Cettina Spiteri**[5] fejn intqal:

> *Illi esposti dawn il-fatti probatorji, allura din il-Qorti issibha kemmxejn difficli temmen illi f'dan il-kaz setghet tezisti injoranza assoluta dwar dak li kien qed jigri. Lanqas ma jirrizulta illi l-appellati kienu permezz ta' xi maniggi jew raggiri jadoperaw xi ingann sabiex jipprovaw jahbu dak li kienu qed jaghmlu, b'sahansitra, allegatament, hafna mill-okkazzjonijiet fejn sar xi overadvancement isir fuq parir ta' Joseph Mifsud.*
>
> *Illi mir-rapport intern li sar mid-Dipartiment jidher illi matul medda twal ta' snin kien hemm traskuragini kbira fl-operat tal-Monte di Pieta', tant illi kien hemm dokumenti importanti neqsin bhal cash register fejn jidher illi hadd ma kien induna bin-nuqqas tieghu. Nuqqas kbir iehor fl-operat tad-Dipartiment kien illi ma kienx isir assessment regolari, kif del resto titob il-ligi, tal-oggetti li jkunu gew mirghuna u ghalhekk wisq inqas kien qed isir rendikont tal-self li jsir meta l-oggetti jigu mirghuna u s-self jibqa ma jithallasx. Illi skont il-ligi dan l-ezercizzju kellu isir tal-inqas darba kull tlett snin fejn l-oggetti li ma jigux reklamati mill-gdid mis-sidien taghhom u allura is-self jibqa' ma jithallasx jigu irkantati sabiex il-Gvern ikun jista' jigbor il-flus li jkun sellef u li ma thallasx lura. Illi jidher ukoll illi l-impjegati kellhom mano libera fit-tmexxija tad-Dipartiment minghajr supervizjoni adegwata tant illi dan il-kaz kien jitratta pledges u*

[5] Appell Numru 597/2012, Deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2018

*payment vouchers li jirrisalu sahansitra sas-sena 1984, bl-ahhar irkant li isir fl-2001 jigu mirghuna oggetti li kienu ilhom f'idejn id-dipartiment sa mis-snin tmenin. Li kieku d-Dipartiment kien iktar vigilanti zgur li kemm il-vjolazzjonijiet ta' dritt li kienu qed isehhu, kif ukoll il-persuna jew persuni responsabbli ghal tali nuqqasijiet setghu facilment jigu maghrufa, kif saru maghrufa meta finalment id-Dipartiment stenbah u inbdiet investigazzjoni serja fuq l-operat tal-Monte di Pieta' u l-impjegati tieghu, u dan ghaliex in-nuqqasijiet gew ventilati lilhom mill-Irkantatur.*

*Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-lanjanza ventilata mill-Avukat Generali diretta lejn is-sentenza appellata billi hawn ma tezistix xi injoranza assoluta jew xi impediment assolut li kien izomm lill-vittma ta' dan ir-reat milli jinduna b'dak li kien qed isehh taht imniehru!*

*Illi anke jekk gratia argomenti din il-Qorti kellha taghti ragun lill-Avukat Generali u cioe' illi l-preskrizzjoni setghet tibda tidekorri biss minn Mejju 2001, xortawahda ir-reati addebitati liz-zewg appellati Bartolo u Spiteri huma preskritti billi jidher illi mhux biss id-Dipartiment tal-Monte di Pieta kien baqa' inattiv ghal diversi snin, izda din l-inattivita' ghaddiet sahansitra ghand il-Pulizija li damu hames snin biex jikkonkludu investigazzjoni li kienet tohrog mid-dokumenti ufficjali tad-Dipartiment. Fil-fatt ghalkemm illum il-gurnata l-istqarrija rilaxxjata mill-appellati ma ghandiex aktar valur probatorju, madanakollu din il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-appellati Spiteri u Bartolo gew l-ewwel darba mitkellma mill-pulizija fit-18 u il-25 ta' Frar 2003 u cioe' kwazi sentejn wara li kienu bdew l-investigazzjonijiet kriminali fuq il-kaz.*

*Illi dwar ir-reati li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 138 u 189 tal-Kodici Kriminali billi dawn ma igorrux piena li teccedi is-sena prigunerija, kwindi l-azzjoni penali taqa' bid-dekors ta' sentejn, perijodu ta' zmien li zgur lahaq idekorra mill-2001. Illi fir-rigward ta' dawk ir-reati mahsuba fl-artikoli 125,126, 180 u 188 tal-Kodici Kriminali u li allura igorru perijodu preskrittiv ta' hames snin, ghandu johrog mill-atti illi l-ewwel darba li d-Dipartiment jidher li gie ufficjalment avzat bin-nuqqasijiet li kienu qed isehhu, (ghalkemm seta' facilment jinduna bihom hafna qabel) kien fid-19 ta' Mejju 2001. F'din id-data jidher illi t-tlieta minn nies li kienu jokkupaw il-kariga ta' Keepers and Appraisers of Pledges kienu Joseph Mifsud li kienu ilu jokkupa din il-kariga sa mit-tmeninijiet meta kien ghamel snin jokkupa dina l-kariga wahdu, u Spiteri u Bartolo, l-appellati odjerna sa mis-snin 1992/1993. Illi allura din kienet id-data meta Louis Sant'Angelo bhala Konslu Anzjan fil-Monte di Pieta sar jaf illi kien hemm dawn in-nuqqasijiet, ghalkemm Santucci jixhed illi kien diga' gharrfu b'dan informalment u mhux bil-miktub sentejn qabel. Tant hu hekk illi fit-23 ta' Mejju 2001 huwa informa lis-superjur tieghu u cioe' lil Anthony Imbroll id-Direttur li minn naha tieghu fittex il-parir tal-Avukat Generali. Kwindi anke il-hames snin kienu lahhqu iddekorrew u dan sal-gurnata meta l-appellati gew innotifikati bic-citazzjoni fis-26 ta' Mejju 2001.*

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti ma ghandha jibqghalha l-ebda dubju li effettivament l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat hija fil-fatt preskritta ai termini ta' Artikolu 688(d)

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in vista tal-fatt li, kif jirrizulta hawn fuq, ghadda z-zmien previst mil-ligi. Illi l-Qorti hija konvinta li l-konjugi Mackay kienu jafu b'dak li ghaddej u l-imghax mitlub lilhom ma kienx dak permess mil-igi u ma kien hemm l-ebda bzonn l-intervent ta' xi qorti biex tiddikjara dan. Veru li s-sitwazzjoni i dahhlu fiha hija tassew ta' thassib u min ikisser persuni bl-uzura qieghed iwettaq hwejjeg immorali li din il-Qorti tistmerr. Zgur li hawn ma tezistix xi injoranza assoluta jew xi impediment assolut li kien izomm lill-vittma ta' dan ir-reat milli jinduna b'dak li kien qed isehh u jirraporta lill-pulizija u ma kienx hemm xi azzjoni "**moħbija"** tal-imġieba kriminali min-naħa ta' l-imputat Grech.

Ghal dawn il-motivi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz dak li nghad mill-Prosekuzzjoni u dak li nghad mid-difiza fin-noti taghhom, wara li rat Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni ta' prosekrizzjoni sollevata mid-difiza fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni u b'hekk tiddikjara l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat bhala preskritta u konsegwentement estinta, tordna l-prosegwiment tal-kawza fejn tidhol t-tieni imputazzjoni.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**